# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Numru: 429/2014**

Il-Pulizija

vs

**Anthony D'Alfonso**

iben John, imwieled Pieta', fis-26 ta' Awwissu, 1954, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 633554(M)

Illum, 20 ta' Marzu 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Anthony D'Alfonso akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli fit-13 ta' Marzu 2014 ghall-habta tal-5.30 p.m. gewwa St. Mary Garage, Triq Hal Qormi (Torretta), St. Venera:

> (1) bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu abbuzivament u illegalment, qata' l-elettriku tal-garage imsemmi u b'hekk cahhad l-access lil Jane D'Alfonso milli tuza l-imsemmi garage li jaghmel parti mill-proprjeta` matrimonjali u dan bi ksur tal-Artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba jekk jidhrilha xieraq, sabiex tipprovdi ghas-sigurta` ta' Jane D'Alfonso jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubblika, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Anthony D'Alfonso b'obbligazzjoni tieghu nniffsu taht penali ta' somma flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-12 ta' Frar, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghal piena ta' multa ta' erba' mitt Euro (€400).

In oltre, ai termini tal-Artikolu 377 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lill-hati sabiex iqieghed kollox fl-istat li kien qabel it-13 ta' Marzu 2014 ossia billi jerga' jwahhal il-*fuses* li qala' mill-garaxx in kwistjoni u dan fi zmien gimgha mid-data tas-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appellant Anthony D'Alfonso minnu pprezentat fis-27 ta' Ottubru, 2014 fejn talab lil din il-Qorti tirrevoka u thassar is-sentenza appellata, u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena; sussidjarjament/alternattivament, l-appellant talab lil din l-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tvarja l-piena nflitta u tirriduci l-istess ghal wahda aktar miti u idoneja fid-dawl tac-cirkostanzi u n-natura tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

> 1) L- insufficjenza tax-xhieda ta' PS 639 moghtija permezz ta' affidavit li fuqha l-Ewwel Onorabbli Qorti bbazat <u>kompletament</u> id-decizjoni taghha, liema prova, f'dak li jirrigwardja informazzjoni moghtija fuq it-telefon cellulari kellha tigi skartata.
>
> Illi preliminarjament jigi rilevat illi l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni ma wasslux sal-grad rikjest mil-ligi ghal sejbien ta' htija. Fil-kamp penali l-oneru tal-prova huwa mixhut fuq il-Prosekuzzjoni li qed takkuza u ghalhekk l-Ewwel Qorti, bhal kull Qorti ohra, kienet fid-dmir li ssib htija tal-imputat jekk il-provi tal-Prosekuzzjoni huma totalment sodisfacenti u li m'ghandux ikollhom l-ebda dubju dwar il-kolpevolezza tal-imputat. L-icken dubju kkawzat f'dawn il-provi prodotti mid-difiza ghandu per forza jmur favur l-imputat. Din hi l-prassi legali, u huwa ghalhekk principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi dikjarat hati, l-akkuza dedotta, ghandha tigi ppruvata oltre kull dubju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Dan il-fatt gie esplorat fid-dettall fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Peter Ebejer, fejn il-Qorti rriteniet li *'dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.'* L-Ewwel Qorti ma setghet qatt tkun moralment konvinta li f'dan il-kaz l-appellant kien qala' l-*fuses* tal-*garage* in kwistjoni u b'hekk b'xi mod cahhad lill-*parte civile* mit-tgawdija tal-istess.

X'inhuma d-dubji lampanti li bl-akbar rispett l-Ewwel Qorti naqset milli tiehu konsiderazzjoni taghhom sabiex taqta' u tiddeciedi b'gudizzju tajjeb?

Illi l-ufficjal tal-Pulizija PS 639 stqarr illi fit-13 ta' Marzu 2014 il-*parte civile* Jane D'Alfonso rrapurtat gewwa l-ghassa tal-Hamrun li fil-*garage* li jinsab fi Triq Hal Qormi, Santa Venera nnotat li ma kienx hemm elettriku. Ukoll xehed illi l-*parte civile* infurmatu li da parti taghha kkuntattjat l-Enemalta fejn dawn tal-ahhar indikaw li ma kienx hemm qtugh ta' dawl u li l-problema kienet mill-*meter* il-gewwa. PS 639 zied jghid illi huwa kkomunika (permezz ta' telefonata) mal-appellant fejn skont hu qallu li '*garage huwa tieghi personali, u hass li ma ghamel xejn hazin barra min hekk, hu stqarr li qabel ma ghamel hekk hu ha parir minghand l-avukat tieghu'.* Jerga' jigi ribadut illi din il-verzjoni inghatat biss lil PS 639 fuq it-telefon u b'hekk l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kellha taghti ebda piz lil din il-verzjoni gjaladarba lanqas l-ufficjal tal-Pulizija stess ma kien jaf ma' min effettivament kien qieghed jitkellem.

Illi hekk kif jirrizulta mill-istess affidavit, l-ufficjal tal-Pulizija fl-ebda hin ma talab lil dak li kien qieghed jikkomunika mieghu sabiex imur l-ghassa tal-Pulizija u jaghti l-verzjoni tieghu izda ghazel biss illi jcempel fuq in-numru tat-telefon cellulari indikat mill-*parte civile* Jane D'Alfonso. Dana kollu jirrizulta mit-tieni PIRS report li jinsab esebit in atti fejn gie indikat hekk:

> *'Il-pulizija tad-divizjoni u cioe PS 639 ikkuntatja lil Tony D'Alfonso fuq il-mobile personali tieghu 79445379*[1] *fejn minn naha tieghu stqarr li kien hu li qala xi fuses sabiex ma jkunx hemm dawl gewwa l-garage ghaliex l-imsemmi garaxx huwa tieghu u li l-kont tad-dawl hu kien ihallsu.'*

Illi mill-banda 'l ohra l-appellant cahad b'mod kategoriku li hu qal dan id-diskors lill-ufficjal tal-Pulizija izda tenna jghid fis-7 ta' Marzu 2014, u cioe` dakinhar li s-socjeta' ARMS Limited waqfet il-provvista ta' dawl fil-fond

[1] Naturalment skont kif indikat mill-parte civile Jane D'Alfonso peress li f'din il-kawza ma xehdu l-ebda rappreżentanti tal-provvedituri ta' servizzi tat-telefonija

matrimonjali, il-pulizija kellmuh gewwa l-ghassa dwar *extension* tad-dawl li l-*parte civile* ghogobha tnizzel mid-dar matrimonjali ghal gol-garaxx. Sussegwentement fit-13 ta' Marzu 2014 l-appellant ircieva telefonata fejn infurmawh li kienu qeghdin icemplu mill-ghassa tal-Pulizija. Peress li l-partijiet jinsabu ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni fejn il-*parte civile* donnha qed taghmel dak kollu possibbli sabiex l-attendenza taghha fl-ghassa tal-Pulizija tkun wahda frekwenti, waqt din it-telefonata l-appellant staqsa jekk kienx hemm il-htiega li jmur l-ghassa tal-Pulizija bhal kif jigri f'kull rapport iehor li jigi mressaq minn martu madanakollu ghall-ewwel darba, ghal xi raguni gie infurmat li ma kienx hemm din il-htiega.

Illi ghal fini ta' kjarifikazjzoni jigi ccarat li l-appellant mhux jikkontesta dak li inghad fit-telefonata li taghha ghamel riferenza PS 639, u lanqas qieghed jigi kontestat li PS 639 mhuwiex jghid is-sewwa, izda qieghed jikkontesta li b'xi mod hu kellu involviment f'din l-istess telefonata. Li huwa zgur huwa l-fatt illi fit-telefonata li saret lill-appellant, li wkoll mhux necessarjament saret minn ufficjal tal-pulizija, fl-ebda hin ma stqarr illi hu nehha l-*fuses* tal-*garage* u li ghamel dan wara li ha l-parir minghand l-avukat tieghu jew li ghamel dan ghaliex il-*garage* huwa tieghu.

Illi f'dan ir-rigward il-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq lir-rapprezentant tal-provveditur ta' serizzi tat-telefonija. Naturalment skont kif indikat mill-*parte civile* Jane D'Alfonso peress li f'din il-kawza ma xehdu l-ebda provvedituri ta' servizzi tat-telefonija sabiex ta' lanqas jigi stabbilit illi n-numru tal-*mobile* indikat huwa tal-appellant jew addirittura li fit-13 ta' Marzu 2014 kienu saru telefonati mill-ghassa tal-Pulizija lill-appellant. Din il-prova hija ghal kollox mankanti.

B'hekk l-Ewwel Qorti kienet zbaljata meta bbazat id-decizjoni taghha fuq prova insufficcjenti u fl-istess waqt skartat kompletament ix-xhieda moghtija mill-appellant waqt is-seduta tal-10 ta' Gunju 2014.

2) Illi jinghad ukoll illi l-Ewwel Qorti ma kellhiex fuq xiex issib htija dwar din l-akkuza dedotta fil-konfront tal-appellant. In effetti l-provi li ngabu mill-Prosekuzzjoni quddiem l-Ewwel Qorti ma jwasslux sal-grad rikjest fil-kamp kriminali u b'hekk l-Ewwel Onorabbli Qorti *se mai* kellha tillibera l-appellant a bazi ta' nuqqas ta' provi sodisfacenti.

Illi ghalhekk tenut kont l-insufficjenza tax-xhieda ta' PS 639 il-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni f'din il-kawza jikkonsistu biss mid-depozizzjoni tal-*parte civile* Jane D'Alfonso. Mix-xhieda ta' Jane D'Alfonso jirrizulta li l-Prosekuzzjoni qed tibbaza din l-akkuza biss fuq suspetti u xejn aktar. Infatti meta l-*parte civile* gie mistoqsija direttament jekk f'xi hin ratx lill-appellant jaqla' l-*fuses* tal-*garage* r-

risposta taghha kienet fin-negattiv. Interessanti ferm huwa l-fatt ukoll kif Jane D'Alfonso ghogobha tesebixxi diversi ritratti irrilevanti ghal finijiet ta' din l-akkuza u fl-istess hin naqset milli tesebixxi ritratt fejn tindika li l-*fuses* m'humiex f'posthom.

Illi fost diversi dubbji mqanqla f'din il-kawza hemm ukoll il-fatt illi s-socjeta` ARMS Limited infurmat lill-appellant permezz ta' ittra datata 11 ta' Marzu 2014, li tinsab esebita in atti u markata bhala Dok 'CD', li fl-eventwalita` ta' nuqqas ta' hlas tal-kontijiet tad-dawl u ilma huma kienu ser jissospendu kull akkont intestat f'isem l-appellant; kif fil-fatt kienu diga` ghamlu fir-rigward tad-dar matrimonjali.

Illi anke hawn l-Ewwel Qorti strahet fuq ix-xhieda ta' Jane D'Alfonso fejn hi sostniet illi kienet cemplet lis-socjeta' ARMS Limited li da parti taghhom infurmawha li l-problema kienet mill-*meter* il-gewwa. Apparti li din il-verzjoni tal-*parte civile* hi nieqsa minn kredibilita` u hija wkoll inverosimili anke ghall-fatt li m'ghandux mis-sewwa li individwu jista' facilment jikkomunika mas-socjeta' ARMS Limited u jottjeni informazzjoni fuq akkont li huwa intestat fuq terzi, kien neccessarju ghall-Prosekuzzjoni li tressaq prova sodisfacenti li effettivament fit-13 ta' Marzu 2014 is-socjeta' ARMS Limited kienet ghadha ma hadet ebda azzjoni dwar il-provvista tal-elettriku fil-*garage* in kwistjoni. Kien jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni, haga li minn ezami tal-process hija evidentement naqset milli taghmel, li tressaq bhala prova lir-rapprezentant tal-ARMS Limited sabiex jixhed illi huma ma kienu hadu l-ebda azzjoni dwar l-ittra li giet mibghuta lill-appellant datata 11 ta' Marzu 2014.

Illi imbaghad fattur iehor li juri l-mohh wara din l-akkuza huwa l-fatt li l-*parte civile* minflok ma provat tara x'inhi l-problema billi tinkariga *electrical technician* ghogobha tahrab tigri lejn l-ghassa tal-Pulizija. Infatti meta giet mistoqsija dwar jekk cemplitx *technician* sabiex tara x'kienet il-problema, ir-risposta taghha kienet fin-negattiv. Mistoqsija jekk haditx inizjattiva biex tara x'kienet il-problema, ir-risposta taghha kienet ukoll fin-negattiv. L-unika soluzzjoni taghha kienet biss li tirrikorri l-ghassa tal-Pulizija b'intendiment ewlieni li xi darba jew ohra tinkrimina lil zewgha l-appellant. Huwa aktar interessanti wkoll il-fatt kif il-*parte civile* mill-ewwel irrimarkat mal-ufficcjal tal-Pulizija li l-problema kienet gejja mill-*fuses* tal-*garage*, u bhal donnha eskludiet kull possibilita` ohra. Izda minkejja dan fix-xhieda taghha hija tghid li marret taghmel rapport ghaliex issuspettat li kien ghamel xi haga r-ragel taghha izda fl-istess nifs li rrimarkat il-*fuses* indikat ukoll illi ma kinitx taf ghaliex ma kienx hemm dawl fil-*garage.*

Illi minn ezami ta' dawn il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni ma kienx mehtieg illi l-appellant jaghti l-verzjoni tieghu peress li l-Prosekuzzjoni naqset milli

tressaq provi sodisfacenti li ma jhallu ebda dubju dettat mir-raguni. Hu evidenti li l-Ewwel Qorti kellha xenarju quddiemha fejn il-provi kienu jeskludu, oltre kull dubju dettat mir-raguni, li l-appellant cahhad lill-*parte civile* mill-uzu jew tgawdija tal-*garage* mertu ta' din il-kawza. L-appellant kellu jinstab hati jekk il-provi tal-Prosekuzzjoni huma totalment sodisfacenti u li m'hemm l-ebda dubju dwar il-kolpevolezza tal-appellant.

Illi *nonostante* dan l-appellant ghazel li jaghti l-verzjoni tieghu quddiem l-Ewwel Qorti u cahad b'mod mill-aktar kategoriku li b'xi mod huwa qata' l-elettriku tal-*garage* bl-isem St. Mary, fi Triq Hal Qormi, Santa Venera.

3) Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, jekk din il-Qorti joghgobha tichad l-aggravju dwar is-sejbien ta' htija, jirrizulta wkoll li ghalkemm il-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet wahda li tirrientra fil-parametri tal-ligi, jinghad li fic-cirkostanzi tal-kaz din hi wahda eccessiva.

Kif inghad fl-appell kriminali deciz fis-26 ta' Marzu, 2009 minn din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spt. T. Micallef) vs John Gauci,** "*mhux normali li din il-Qorti tal-Appell li tvarja d-diskrezjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena erogata tkun tirrientra fil-parametri tal-ligi w ma tkunx manifestament eccessiva. Dan ghax, kif gie ritenut fl-Appell Kriminali (Superjuri):* ***"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler"*** *[26.2.2009]:- "Il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anki, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza tal-Ewwel Qorti) li jkun jincidi b'mod partikolari fuq il-piena)*[2]*. (Ara wkoll* ***"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Bernard sive Benny Attard"*** *[20.3.2009] App. Krim. Superjuri)"*

Huwa minnu wkoll illi l-Prosekuzzjoni tista' targumenta li l-appellant ghazel li ma jirregistrax ammissjoni, pero` huwa daqstant iehor minnu li hadd ma jista' jigi punit ghax jaghzel li jikkontesta l-akkuza dedotta fil-konfront tieghu – partikolarment fil-kaz odjern meta hemm kontestazzjoni serja kif inghad aktar qabel, u tali kontestazzjoni quddiem l-Ewwel Qorti saret b'mod lejali u korrett - u lanqas hu sew li jkun hemm daqstant avarija enormi bejn min jaghzel li jikkontesta u min jaghzel li jammetti – anke billi skont il-gurisprudenza d-*discount* fil-piena li jinghata lil min jammetti mhux daqstant qawwi daqs id-

[2] li l-Ewwel Qorti ma kellhiex il-possibilita' li tiehu in konsiderazzjoni fis-sentenza appellata u li ghalhekk tista' taghti lok ghal temperament fil-piena.

diskrepanza fil-piena li kien hemm f'dan il-kaz ma' pieni solitament erogati mill-istess Ewwel Qorti.

Illi l-appellant mhux persuna ta' kondotta kriminali imma persuna b'fedina penali nadifa li sab ruhhu rinfaccjata bil-proceduri odjerni fl-isfond tal-inkwiet matrimonjali ezistenti bejnu u bejn martu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-ilment tal-appellant dirett lejn id-decizjoni impunjata idur madwar l-apprezzament tal-fatti maghmul mill-Ewwel Qorti li fil-fehma tieghu ma kenux jilhqu l-grad mistenni fil-ligi ghal sejbien ta' htija, bil-prova essenzjali konsistenti fix-xiehda tal-ufficjal tal-pulizija li irceva ir-rapport minn ghand il-parti leza tindika illi ma saritx investigazzjoni b'mod holistiku biex b'hekk ma hemmx prova li fil-fatt huwa kien kellem proprju lill-appellant, li mieghu ammetta l-htija, fuq in-numru tac-cellulari mghoddi lilu mill-kwerelanti. Lanqas fil-fehma tieghu ma saret il-prova illi kien l-appellant li volutament qata' l-provvista tal-elettriku u li din ma kenitx decizjoni mehuda mis-socjeta ARMS billi l-kont tad-dawl ma kienx thallas. Dan fil-fehma tieghu ifisser illi l-elementi kostituttivi tar-reat lilu addebitat ma gewx ippruvati lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.

Illi qabel xejn din il-Qorti tfakkar illi huwa prinċipju stabbilit fil-gurisprudenza li, fil-manzjonijiet riposti lilha bil-ligi bhala qorti ta' revizjoni, hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[3].

Billi hemm kunflitt fil-verzjonijiet moghtija mill-ko-litigandi, għal dak li jirrigwarda l-kredibbilta' tax-xhieda, l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li filwaqt li huwa fid-dover tal-prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu(2) tal-istess artikolu jippostula li xhud wieħed waħdu jekk emnut huwa suffiċjenti. Dan ukoll ġie

[3] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

kkonfermat minn ġurisprudenza nostrana kopjuża fejn dan il-prinċipju ġie ripetutament assodat[4].

Illi wkoll relevanti ai fini tat-test tal-kredibbilta` huwa l-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali li jistipula li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża, "id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta` tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ... [5]"

In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs. Joseph Thorne[6],

> **'..mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skont il- kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.**

Ikkunsidrat,

---

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joe Galea Debono u datata s-6.11.2002; Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16.3.2001; Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9.11.2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24.9.2004.

[5] Ara is-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs. Joseph Bartolo deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Settembru 1999 ippreseduta mill-imhallef Vincent Degaetano.

[6] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono.

Illi minn ezami tal-fattispecje ta' dan il-kaz kif jemergu mill-provi jirrizulta illi nhar it-13 ta' Marzu 2014 Jane D'Alfonso, mart l-appellant, għamlet rapport l-għassa tal-pulizija fil-konfront ta'żewġha fejn spjegat li hi tinsab għaddejja minn proċeduri ta' separazzjoni u li f'dak iz-zmien kienet qed tagħmel użu mill-provvista tal-elettriku mill-meter tal-garaxx proprjeta tal-konjugi sitwat ġewwa Triq Ħal-Qormi, Sta. Venera. Dan ghaliex il-provvista tad-dawl fid-dar matrimonjali kienet giet maqtugha wara li ma kenux tħallsu l-kontijiet pendenti. Skont dak irrapurtat, il-parte ċivile stqarret illi kienet l-aħħar għamlet użu b'suċċess mill-provvista tad-dawl għall-ħabta tal-12:30hrs dakinhar li ghamlet ir-rapport u meta rritornat biex tagħmel użu mill-istess għall-ħabta tal-17:30hrs fl-istess jum, sabet li ma kienx hemm provvista tal-elettriku. Hi ċemplet lill-rapprezentanti tal-Korporazzjoni Enemalta fejn giet infurmata illi ma kienx sar qtugh tal-provvista tad-dawl minn naha taghhom u li l-problema setghet kienet provenjenti mill-meter tad-dawl. Ghalhekk mal-ewwel is-suspett taghha waqa' fuq l-appellant u konsegwentement PS639 Jean Mangion ċempel lill-appellant fuq in-numru 79445376 fejn l-appellant stqarr ma' dan l-ufficjal tal-pulizija li kien qala' xi *fuses* tal-elettriku sabiex ma jkunx hemm dawl ġewwa l-garaxx peress li dan huwa proprjeta' tiegħu u kien hu responsabbli ghal kont tad-dawl. L-appellant informa wkoll lis-surġent li hu kien ħa parir mingħand l-avukat tiegħu qabel aġixxa b'dan il-mod. Fix-xiehda tieghu fil-qorti, l-appellant jichad illi huwa kien qal dan id-diskors lil PS639 u cahad illi huwa qata' l-*fuses* tal-elettriku fil-garaxx kif allegat minn martu. Iżid jgħid li huma kienu rċevew komunika mingħand l-Enemalta fejn ġew avżati permezz ta' ittra datata l-11 ta' Marzu li d-dawl tal-garaxx ukoll kien ser jinqata' jekk jibqghu inadempjenti fil-ħlas tal-kontijiet tad-dawl tal-garaxx in kwistjoni.

Spjanati il-fattispecje tal-kaz in dizamina jinghad illi r-reat ta' raggion fattasi, regolat mill-artikolu 85 taI-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ghandu fil-qafas tieghu s-segwenti elementi ta' dritt kif stabbiliti fil-gurisprudenza b'mod kopjuz:

**a) att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna;**
**b) l-imputat irid jemmen li qed jagixxi bi dritt;**
**c)ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jiehu tramite l-process legali;**
**d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi;**

**Inoltre, ir-reat ma jissustix meta l-att materjali jikkonsisti fir-ritenzjoni ta' pussess li dak li jkun gja kellu[7].**

Għad dak li jirrigwarda l-kwistjoni tat-titolu u tal-pussess, jidher ukoll ċar mid-diċitura tal-liġi illi min jikkometti r-reat ta' raggion fattasi ma jistax jiġi skużat minħabba l-fatt li hu għandu titolu fuq l-oġġett jew fuq il-proprjeta' li qed jippretendi jedd fuqu/ha. Ir-reat jista' jissusisti f'kaz ta sempliċi pussess jew detenzjoni tal-oġġett kif ukoll sempliċiment meta persuna jkollha d-dritt li tgawdi jew tuża l-ħaġa jew il-proprjeta' u li hi ma tkunx tista tkompli b'dan l-użu jew tgawdija minħabba l-azzjoni ta' min ikommetta r-reat. Infatti skont il-każ fl-ismijiet Pulizija vs Joseph Bongailas[8], il-Qorti tal-Appell ikkunsidrat is-segwenti:

**L-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali jittratta dwar ir-ragion fattasi, bl-ewwel rekwizit tieghu, kjarament iqis bhal agir kriminali kull att ta' xi hadd li jfixkel lil xi haddiehor fil-pussess ta' xi haga li qed igawdi. L-imsemmi artikolu, ghalhekk, jittutela l-pussess tal-haga u mhux necessarjament ukoll il-proprjeta' taghha. Il-kelma pussess, ghalhekk, tinkludi l-uzu jew dgawdija ta' dik il-haga.**

---

[7] Pulizija vs Anthony Zahra deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri kif ippreseduta mill-Imħallef Lawrence Quintano u datata l-20 ta' Ġunju 2014. Ara wkoll fost oħrajn Pulizija vs Mario Bezzina, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri kif ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u datata 26 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Michael Lungaro, deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali Seded Inferjuri kif ippreseduta mill-imħallef Joe Galea Debono u datata l-15 ta' Mejju 2003u Pulizija vs Eileen Said deċiża mill-Qorti tal-appell Kriminali Sede Inferjuri ppreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono u datata d-19 taż Ġunju 2002.

[88] Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri, ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u datata 22.10.2001.

> **Li hu importanti, ai fini ta' l-Artikolu 85 tal-Kap. 9, dejjem riferibbilment ghall-ewwel element kostituttiv tieghu huwa jekk effettivament sa dik in-nhar li sar dan l-allegat att ta'spoll mill-appellant, kellhomx il-kwerelanti l-pussess, ossija l-uzu u/jew id-dgawdija tal-fond in kwistjoni.**

Ukoll fl-appell Pulizija vs John Vassallo[9], il-Qorti qieset illi:

> **'Taht l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hemm ebda bzonn illi jigi ppruvat xi element ta' pussess aktar sostanzjali minn hekk. Id-dicitura ta' l-artikolu hija cara u l-legislatur certament ried illi jigi evitat kull tfixkil, hu ta' liema natura hu, anki fis-semplici pussess. Tali pussess jinkludi wkoll kif gie ripetutament deciz minn din il-Qorti, anke s-semplici drittijiet normalment kompetenti lill-persuni koncernati.'**

Ikkunsidrat:

Illi jibda qabel kollox biex jingħad illi ghalkemm l-appellant issa fi stadju ta' revizjoni jikkontesta bil-qawwa dak li jirrizulta mir-rapport redatt mill-*investigating officer* u jichad b'mod kategoriku li ammetta mieghu li kien hu li qata' l-provvista tad-dawl fil-garaxx proprjeta' tal-konjugi, madanakollu ghalkemm kellu kull dritt li jattakka l-prova hekk maghmula mill-prosekuzzjoni jibqa' inattiv billi lanqas isir il-kontro-ezami tax-xiehda ta' dan l-ufficjal tal-pulizija biex jipprova ixejjen dak mistqarr minn dan ix-xhud.

Illi minn dak li jemergi mill-provi jirrizulta illi bejn il-konjugi D'Alfonso hemm pika kbira tant illi s-separazzjoni konjugali taghhom hija wahda ferm kombattuta. Din il-pika wasslet sabiex il-kontijiet tad-dawl tar-residenza matrimonjali ma thallsux, billi anke fuq dan kien hemm disgwid dwar min kellu jkun responsabbli ghal hlas tal-istess tant illi l-Korporazzjoni spiccat qatghet il-provvista tad-dawl. Il-parti leza sabiex ikollha provvista wahhlet *extension* tad-dawl mill-garaxx tal-proprjeta sad-dar, liema *extension* madanakollu gie maqtugh mill-appellant ftit jiem qabel il-kaz mertu ta' dawn il-proceduri. Jidher illi l-kwistjoni ma spiccatx hemmhekk bil-parti leza terga' twahhal l-

---

[9] Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri, ippreseduta mill-Imħallef Godwin Muscat Azzopardi u datata 22.3.1991.

*extension* u wara dan inqala' l-incident mertu ta' dawn il-proceduri. Illum jidher illi l-ko-litigandi, biex ikomplu isahhu il-pika ta' bejniethom qeghdin ighixu minghajr provvista tad-dawl, bl-appellant sahansitra ighid li igib il-provvista tad-dawl mill-*battery* tal-karozza!

Illi l-parti leza tistqarr illi hija ghamlet il-verifiki taghha mal-Korporazzjoni Enemalta sabiex tivverifika jekk il-qtugh tad-dawl kienx sar minn naha taghhom u kien biss meta dawn cahhdu l-involviment taghhom li allura waqa' s-suspett fuq l-appellant. Huwa minnu li meta xehdet *viva voce*, l-parte ċivile meta mistoqsija in kontro-eżami, tikkonferma li qatt ma rat lill-appellant b'għajnejha jmiss jew jaqta' l-*fuses* tad-dawl, allavolja ġew eżebiti ritratti fejn l-appellant jidher li qed imiss dak li ġie deskritt bħala l-*extension* li l-parte civile kienet għamlet bejn il-meter tal-garaxx u r-residenza biex tgawdi mill-provvista ta'l-elettriku wara li dan kien inqata', u liema fatt ma ġiex michud mill-appellant. Izda l-animu tal-appellant johrog car mid-deposizzjoni moghtija minnu quddiem l-Ewwel Qorti fejn mhux biss jammetti illi kien ircieva it-telefonata mill-ghassa tal-pulizija fil-jum indikat fl-akkuza, izda ukoll meta jibqa' jinsisti illi huwa ma iridx ihallas il-kont tad-dawl fl-intier tieghu. Dan ifisser allura illi l-Prosekuzzjoni ma kellhiex ghalfejn tressaq prova illi fil-jum indikat fl-akkuza l-pulizija kienu tassew ghamlu kuntatt mal-appellant billi dan jammetieh l-appellant stess fix-xiehda tieghu ghalkemm jichad li qal id-diskors indikat fir-rapport u fl-affidavit tas-surgent.

Illi fuq kollox mill-PIRS report tal-pulizija ma jidhirx illi kienet l-parti leza li ghaddiet in-numru tac-cellulari tal-appellant lill-pulizija, izda jidher illi kienet il-pulizija stess illi mill-investigazzjonijiet minnha kondotti ikkomunikat mal-appellant fuq in-numru tac-cellulari tieghu.  Illi maghdud dan allura din il-Qorti hija tal-fehma illi fid-dawl ta' dak li hareg mill-atti probatorji, l-Ewwel Qorti setghet fid-diskrezzjoni fdata lilha bil-ligi tqies ix-xiehda moghtija mill-appellant bhala wahda inverosimili u li allura setghet taghti affidament lil dak mistqarr kemm minn PS639, kif ukoll mill-parti leza Jane D'Alfonso. Kif tajjeb stqarret l-Ewwel Qorti huwa evidenti illi l-appellant ipprova jixhet

ir-responsabbilta' ghal qtugh tal-provvista tad-dawl fuq is-socjeta ARMS u l-Enemalta meta huwa evidenti mid-dokument ezebit minnu stess illi l-qtugh tal-provvista tad-dawl minn naha tas-socjeta ARMS kellu jsir wara it-13 ta' Marzu 2014 u dan peress kif jirrizulta mill-ittra li tinsab in atti[10], li hija datata l-11 ta' Marzu 2014, l-appellant kien inghata tlett ijiem ċans sabiex iħallas il-kontijiet pendenti, u fin-nuqqas ta' adempjenza fit-terminu moghti kienet ser tinqatalu l-provvista tal-elettriku fil-garaxx ukoll.

Illi allura huwa indubitat illi l-appellant abbusivament u bi pretensjoni ta' dritt ċaħħad lil martu mit-tgawdija tal-provvista tal-elettriku fil-garaxx proprjeta in komuni bejn il-ko-litigandi u dan wara li ppretenda li hi kellha tħallas nofs il-kont tad-dawl. Kwindi l-aggravvju minnu imqanqal marbut mal-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti ser jigi michud.

Ikkunsidrat:

Illi għal dak li jirrigwarda l-aħħar aggravju marbut mal-piena inflitta mill-Ewwel Qorti, li fil-fehma tal-appellant hija waħda eċċessiva, liema piena del resto taqa' sewwasew fil-parametri tal-ligi, fil-fehma ta' din il-Qorti din il-piena hija waħda ġusta. Tazzarda tghid il-Qorti illi fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz hija piena piuttost miti tenut kont tal-pika esagerata li hemm bejn il-konjugi D'Alfonso li qed twassal ghal agir inkriminatorju kontinwu. Ghal dawn il-motivi allura l-Qorti ma tara li hemm ebda mottiv li jista' iwassalha tiddisturba id-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti fil-kalibrazzjoni minnha maghmula tal-piena erogata.

Għal dawn il-motivi l-Qorti, taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell ta' Anthony D'Alfonso u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha. It-

[10] Dok CD a folio 41 tal-atti proċesswali.

terminu ta' gimgha moghti mill-Ewwel Qorti fit-termini tal-artikolu 377 tal-Kodici Kriminali ghandu jibda jiddekorri mil-lum.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur